MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 109/2003/1

**Carmel Bajada**

**vs**

**Michael u Mary Rose konjugi Mercieca**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Dicembru, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' disa' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm928.74) dovuti lilu bhala hlas ta' xoghol ta' brix u materjal uzat, -

u b'digriet tat-18 ta' Novembru 2003 gie mizjued dan il-kliem: "xoghol ta' tikhil u tqeghid ta' madum" - fil-fond numru hamsa (5) NB Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex, liema xoghol sar mill-attur u haddiema tieghu fuq inkarigu taghkom.

Il-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju 2003 u l-ispejjes ta' din il-procedura."

Ra r-risposta u l-kontrotalba:

"Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti:

jeccepixxu bil-qima:-

1. Illi l-ammont hekk kif dovut mill-attur mhuwiex dovut stante illi l-imsemmi xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u di fatti l-istess xoghol imsemmi fit-talba kellu jerga' jsir mill-gdid minn persuni ohrajn;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont kif pretiz ghax-xogholijiet imsemmija huwa wiehed esagerat u ma jirrizultax dovut lanqas mill-invoices ipprezentati mill-attur;

3. Illi di piu' l-prezzijiet mitluba ghall-materjal supplit huma skorretti kif ukoll qed jintalab darbtejn il-hlas tal-VAT fuq il-prezz ta' tali materjal;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes."

"Peress illi Carmel Bajada u haddiema tieghu kkawzaw dannu lill-konjugi Mercieca fl-ammont ta' LM590.00 tort ta' xoghol hazin liema xoghol kien jikkonsisti fi tqeghid ta' madum u xoghol iehor fil-fond imsemmi u mhux skond l-arti u s-sengha u li minhabba f'hekk il-konjugi Mercieca ser jinkorru dawn l-ispejjes addizzjonali.

Ghid ghaliex inti Carmel Bajada m'ghandekx tkun ikkundannat thallas dan l-ammont kif ukoll l-ispejejs ta' l-ittra nterpellatorja ta' 18 t'Awwissu 2003 u l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti ngunt ghaliha."

Sema' l-provi u ra r-rapport tal-perit tekniku;

Ikkunsidra:

L-attur qieghed jitlob hlas ghal xoghol lilu moghti b'appalt. Il-konvenuti jirrezistu din it-talba billi jeccepixxu li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u wkoll jintavolaw kontrotalba ghad-danni minnhom subiti biex jigi rimpjazzat ix-xoghol hekk esegwit hazin.

Il-ligi taghna dwar l-appalt (Kodici Civili Artikoli 1633 sa 1643) hija siekta dwar il-grad ta' diligenza li jrid jadopera l-artigjan fl-ezekuzzjoni tax-xoghol tieghu. Ghalhekk japplikaw il-principji generali tal-ligi dwar l-obbligazzjonijiet.

Biex debitur ta' obbligazzjoni jista' jinzamm responsabbli ghan-nuqqas ta' adempjenza, huwa jrid ikun naqas li jesegwiha volontarjament jew b'nuqqas ta' diligenza. Skond Artiklu 1132 tal-Kodici Civili, il-grad ta' diligenza mehtieg fl-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni huwa dak tal-bonus paterfamilias u ghalhekk anke l-artigjan huwa responsabbli mhux biss ghal culpa lata imma wkoll ghall-culpa laevis. Il-Qorti tal-Kummerc, in re R Cutajar pro et noe vs G Portughes noe ( 24.1.1951 – XXXV.iii.528) stabbiliet li *Issa, l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u hu responsabbli sa anke tal-kolpa ljevi.* Konness mal-kuncett ta' diligenza huwa dak tal-perizja u in konformita mal-principji generali tal-ligi il-grad ta' perizja mehtieg ghandu jkun dak normali. Fi kliem iehor, l-artiggjan ghandu jadopera dak il-livell ta' expertise and technical knowledge li artiggjan ordinarju jkun mistenni li juza fic-cirkostanzi partikolari tax-xoghol li jkun qieghed jaghmel.

Ir-responsabiltajiet tal-artiggjan gew elenkati fis-sentenza ***S De Carlo pro et noe vs E Cumbo et*** fejn il-Qorti tal-Appell (06.02.1956 – XL.i.485) stabbiliet li:

1. l-artiggjan irid jaghti garanzija kontra d-difetti ghax-xoghol li jaghmel
2. huwa responsabbli anke ghal culpa laevis
3. il-fatt li huwa jkun ghamel ix-xoghol taht id-direzzjoni tal-appaltant ma jezonerahx mir-responsabilta' ghax-xoghol li jaghmel
4. jekk id-difett fix-xoghol huwa minhabba materjal difettuz, l-artiggjan huwa responsabbli jekk qabel beda x-xoghol kien jaf jew messu kien jaf li kien hemm dan id-difett fil-materjal

Ix-xoghol li gie nkarigat jaghmel l-attur f'din il-kawza kien jikkonsisti fi brix tal-hitan interni tad-dar tal-konvenuti, u tqeghid tal-madum. Jirrizulta mill-provi li kemm il-brix kif ukoll it-tqeghid tal-madum ma sarx skond is-sengha u l-arti, tant li fil-maggor parti tieghu kellu jsir mill-gdid minn terzi. Ghar-rigward tat-tqieghdin tal-madum hemm ukoll ir-rapport tal-perit tekniku.

Il- konvenuti jikkontestaw xi affarijiet minimi fil-kont tal-attur, bhall-fatt li zamm VAT fuq VAT fuq l-oggetti minnu mixtrija, izda dawn huma parti negligibbli mill-kont. Jikkontestaw ukoll ir-rati tas-sieghat tax-xoghol, izda billi ma sar l-ebda ftehim bil-miktub, it-Tribunal ma jistax jaghti affidament lill-verzjoni tal-konvenuti iktar milli jaghti affidament lill-kont tal-attur.

Min-naha l-ohra, l-attur l-anqas ma gieb provi biex jikkontradici l-quantum tad-danni sofferti mill-konvenuti kawza tax-xoghol esegwit hazin.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, fl-assenza ta' konteggi ddettaljati dwar ix-xoghol li sar tajjeb u x-xoghol li sar hazin, u bl-applikazzjoni tal-ekwita', billi jilqa' t-talba tal-attur ghall-hlas ta' LM928.74 filwaqt li jilqa' wkoll il-kontro-talba fis-somma ta' LM590, u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-kompensazzjoni gudizzjarja, jikkundanna

lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ LM338.74 bhala hlas tax-xoghol minnu esegwit tajjeb, bl-imghax legali jiddekorri mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv; spejjez tal-kawza jinqasmu zewg terzi ghall-attur u terz ghall-konvenuti.”

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza u talbu li din tigi riformata. Dan fis-sens illi filwaqt li tigi konfermata l-kontro-talba taghhom din il-Qorti tghaddi biex tichad it-talba tal-attur. Fir-rigward huma adducew dawn il-ilmenti:-

(i) Gjaldarba gie determinat li x-xoghol sar hazin it-talba attrici ghall-hlas kellha titqies intempestiva;

(ii) Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma kellux jiddeciedi li l-attur ghandu jithallas tax-xoghol kollu. Dan apparti wkoll zbalji materjali fil-kont tal-attur; ad ezempju, l-iccargjar ghal darbtjen tal-VAT fuq il-materjal u, fil-kaz tar-rati tax-xoghol rata oghla minn dak pattwit.

Ma jistax ikun dubitat illi bhala stat ta’ fatt mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi x-xoghljiet ezegwiti mill-attur appellat u denunzjati mill-appellanti ma sarux skond l-arti u s-sengha. Dan il-punt jinsab sew stabbilit minn diversi xhieda, fosthom Ganni Camilleri (fol 42), AIC Edward Scerri (fol 53) u l-Perit Joseph Mizzi, l-espert nominat mit-Tribunal. Ara relazzjoni tieghu a fol 66.

In tema ta’ dritt dan ifisser illi l-attur-appaltatur naqas li jezegwixxi x-xoghlijiet skond il-mudell ta’ diligenza dettat mill-artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili. Ir-riferiment li jaghmel dan id-dispost tal-ligi ghad-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja hu ntiz bhala kriterju generali, fejn il-kontenut tieghu jikkonkretizza ruhu b’riferiment ghal-pekuljarita` tal-obbligazzjoni u ghal dawk ic-cirkostanzi li fihom id-debitur tal-obbligazzjoni hu tenut jadempixxi. S’intendi, f’din id-diligenza hi kompriza dik il-konoxxenza u ezekuzzjoni tar-regoli teknici proprji tal-arti jew attivita` partikolari ezercitata. A propozitu, huwa ghalhekk enuncjat illi “l’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli secondo i dettami dell’arte suo, e

deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p374**).

Issa l-appellanti certament ma jikkritikawx il-konstatazzjoni tat-Tribunal f'dan il-kuntest ghax din issostni, u mhux tikkuntrasta, l-premessa tat-talba rikonvenzjonali taghhom. Huma, invece, jikkontestaw dik il-parti tal-gudizzju tat-Tribunal li affermat ukoll it-talba tal-attur appellat meta, dejjem skond l-appellanti, l-kuntrarju kien indikattiv. Huma jibbazaw dan l-assunt taghhom fuq l-istregwa ta' dik il-gurisprudenza li statwit li "hija ntempestiva l-azzjoni ghall-hlas ta' appalt meta x-xoghol fuq dak l-appalt ma jkunx gie ezegwit sewwa" (**Kollez Vol XLVII pI p650**).

Din tidher li hi l-massima generali pero` hu veru wkoll illi fid-dottrina saret distinzjoni rigward il-mod tal-hlas kompetenti lill-appaltatur skond il-mod kif ikun gie lilu kommissjonat ix-xoghol. Hekk inghad illi "jekk il-prezz gie iffissat ghal kull unita` l-appaltatur ikollu dritt jithallas tax-xoghol maghmul; jekk il-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk ix-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa, l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas" – "**Carmelo Mallia -vs- Ivan John Fonk**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975. Hekk per ezempju fil-kaz "**Francesco Desira -vs- Il-Markiz Antonio Barbaro di San Giorgio**", Appell Civili, 7 ta' Marzu 1958 giet respinta t-talba ghall-hlas tal-prezz ta' fornitura u tqeghid ta' madum fuq il-motiv illi x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha. Il-kwestjoni tal-hlas regghet giet sollevata u rizolta b'mod ekwitattiv fis-sentenza fl-ismijiet "**Francis Mallia et noe -vs- Edwin Magro**", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989. In bazi ghall-gurisprudenza fiha enuncjata intqal dan:-

"… il-Qrati Taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas tal-prezz tal-appalt stabbilit "a mizura" meta kien hemm difetti parzjali u mhux sostanzjali fix-xoghol, izda ordnaw lill-kommittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra fejn ix-xoghol kien ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma sarx skond kif titlob is-sengha. F'kazijiet ohrajn il-Qorti ordnat li

titnaqqas mis-somma li tigi mhallsa somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difetti fix-xoghol, specjalment meta ma jkunx aktar possibbli jew prattikabbli li jigu rrangati d-difetti".

Fuq din l-istess tematika huma s-sentenzi fl-ismijiet "**Angelo Busuttil -vs- Pio Fedele et**", Prim'Awla, 9 ta' April 1968 per Imhallef Maurice Caruana Curran, "**John Bonnici pro et nomine -vs- Anthony Sammut**", Appell Kummercjali, 22 ta'' Gunju 1994 u "**Carmelo Gauci -vs- Maurice Grixti**", Appell Civili, 23 ta' Jannar 1995.

Fermi dawn l-osservazzjonijiet li johorgu mill-gurisprudenza, huwa intuwittiv illi l-intempestivita` tippresupponi illi sakemm l-appaltatur ma jaghmelx ix-xoghlijiet rettifikatorji a spejjez tieghu huwa ma jkollux dritt ghall-hlas tal-appalt. Fil-kaz prezenti jidher bil-wisq car mid-deposizzjonijiet tal-kontendenti illi l-attur appellat ma giex interpellat biex jaghmel xoghlijiet bhal dawn izda jidher li minn rajjhom l-appellanti inkarigaw lil haddiehor biex jaghmilhom, tant li huma optaw ghal domanda ghad-danni permezz ta' kontro-talba.

Kif saput, l-azzjoni tal-kommittent ghar-rizarciment tad-danni derivanti minn xoghol hazin tal-opra appaltata hi wahda mir-rimedji konsentiti lilu taht il-Kodici Civili fil-kaz ta' kolpa tal-appaltatur. Dan in virtu tal-principju generali dettat mill-artikolu 1125 tal-Kodici Civili. Fl-ambitu tar-responsabilita` kontrattwali minhabba inadempiment huma diversi l-azzjonijiet li l-ligi takkorda lill-kreditur tal-obbligazzjoni; inter alia, dik diretta ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt in forma specifika jew dik tar-rizoluzzjoni tieghu, jew dik ghar-riduzzjoni fil-prezz. Anke pero` indipendentement minn dawn hi provvduta l-azzjoni ghad-danni. Ara art 1069 (2) tal-Kodici Civili. Naturalment ir-rizarciment tad-danni ghandu jitqies fil-mizura korrispondenti ghall-ispiza necessitata ghall-eliminazzjoni tax-xoghol difettuz.

Rigwardata taht din il-perspettiva ma jidherx li t-Tribunal adopera principji erronei tal-ligi u tad-dritt ekwitattiv, sostrat dan ta' kif jigu aggudikati l-kwestjonijiet mit-

Tribunal adit (art 7(1) tal-Att V ta’ l-1995). Fejn din il-Qorti ma tikkonvergiex fil-fehma taghha ma’ dik tat-Tribunal, dejjem fuq il-konsiderazzjoni tal-istess dritt ekwitattiv, huwa l-mankanza tal-istess tribunal li jakkorda attenzjoni bizzejjed lit-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti riferibilment ghall-kont esebit a fol 16.

Jirrizulta mill-provi, li incidentalment ma jidherx li gew kombattuti, illi qabel ma nbeda x-xoghol il-ftehim kien li ta’ jdejh l-attur jircievi tmintax il-Lira (Lm18) kuljum u fil-kaz tal-lavrant tieghu hmistax il-Lira (Lm15) ‘per diem’. Invece fir-rigward tal-lavrant il-prezz juri s-somma ta’ mija u tnejn u disghin lira (Lm192) korrispondenti allura ghal rata ta’ sittax il-lira (Lm16) kuljum. Ara xhieda tal-konvenuti a fol 30 u 32 rispettivament. Huwa, imbaghad, accettat mill-attur (ara xhieda tieghu a fol 14) illi l-VAT fil-kaz tal-materjal mixtri rega’ gie inkluz ghal darbtejn fil-kont. Billi mhux maghruf kemm kien preciz l-VAT hekk imhallas fuq il-materjal din il-Qorti qed tiffissah fl-ammont ta’ tnejn u tletin lira (Lm32) li flimkien mat-tnax il-lira (Lm12) differenza fir-rata tal-mandopera tal-lavrant jammontaw komplessivament ghal erba u erbghin lira (Lm44). Din is-somma trid titnaqqas mill-kont tal-attur.

Konsiderat li l-funzjoni primarja tal-obbligazzjoni tar-rizarciment hi l-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr, almenu ‘per equivalent’, tal-qaghda antecedenti, u konsiderat ukoll il-principju tal-ekwita`, l-ammont li l-konvenuti appellanti huma tenuti jhallsu ghandu jkun mitejn u erbgha u disghin lira u erbgha u sebghin centezmu (Lm294.74,0).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tvarja s-sentenza appellata billi l-ammont kanonizzat u dovut mill-appellanti jigi ridott ghall-mitejn u erbgha u disghin lira, erbgha u sebghin centezmu (Lm294.74,0). Ghall-kumplament is-sentenza tibqa’ kif deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-sentenza tieghu tat-28 ta’ Dicembru 2004. L-ispejjez gudizzjarji ta’ din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi mill-appellanti u terz mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------